

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2008/2171(INI)

3.12.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi maċ-Ċina
(2008/2171(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vural Öger

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-qawmien li bih iċ-Ċina saret parteċipant globali; jappoġġja l-irwol pożittiv tagħha f'diversi sforzi internazzjonali għaż-żamma tal-paċi u fit-taħditiet tad-DPRK bejn sitt partijiet; jemmen li ż-żieda tal-influenza globali u ż-żieda fir-responsabilità jmorru id f'id; jitlob liċ-Ċina biex terġa' tikkunsidra l-għajjnuna libera tagħha lil reġimi dubjużi, inkluża l-provvista tal-armi; jemmen li xi problemi l-aktar iebes tad-dinja, bħal ma huma l-bidla fil-klima, il-faqar, il-provvista u s-sikurezza tal-ikel, l-għajjnuna f'każ ta' diżastru kif ukoll il-proliferazzjoni nukleari, ma jistgħux jissolvew mingħajr iċ-Ċina, u għalhekk jistieden liċ-Ċina biex tqis serjament miżuri li jindirizzaw il-bdil fil-klima, il-ġlieda kontra l-faqar u l-waqfien tal-proliferazzjoni nukleari;
2. Jinnota li s-soċjetà Ċiniża nbidlet ħafna f'dawn l-aħħar 30 sena u l-progress dejjiemi jista' jseħħ biss bil-mod; jemmen li d-demokrazija teħtieġ soċjetà ċivili effettiva, li mbagħad tissaħħaħ bir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-UE; għalhekk jemmen li l-"bidla permezz tal-kummerċ" hija mod li jgħin it-trasformazzjoni taċ-Ċina biex issir soċjetà miftuħa u demokratika u li minnha jibbenefikaw it-taqsimiet kollha tas-soċjetà; filwaqt li juri dispjaċir li l-intensifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali bejn l-UE u iċ-Ċina ma mxewx id f'id ma' progress sostanzjali fir-rigward tad-djalogu tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fl-oqsma ambjentali u soċjali, huma meħtieġa biex jiżguraw progress ġenerali u dejjiemi;
3. Iħeġġeġ liċ-Ċina biex tirrispetta l-impenji tagħha fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ primarjament billi tiegħu ħsieb problemi li baqgħu ma ssolvewx bħall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, id-diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji barranin, u x-xkiel għall-aċċess tas-suq f'għadd ta' setturi;
4. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem bħal ma huma l-libertà tal-espressjoni, l-libertà tal-assoċjazzjoni, il-libertà tal-assemblea, kif ukoll il-libertà tal-istampa u l-libertà tar-reliġjon; jinsab imħasseb ħafna dwar l-użu tat-torturi sistematiċi u n-nuqqas ta' indipendenza ġudizzjarja; jistieden liċ-Ċina biex tirrispetta d-drittijiet tal-minoranzi, eż. dawk tat-Tibetani u l-Uighur; jistieden liċ-Ċina biex tirrispetta d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal billi twaqqaf l-aborti sfurzati u l-isterilizzazzjoni sfurzata; jistieden liċ-Ċina biex tneħħi r-reat ta' "theddud għas-sigurtà pubblika"; jitlob liċ-Ċina biex tippermetti aċċess bla restrizzjoni għall-internet u teħles mis-sistema "golden shield" immirata biex tiċċensura l-internet; jirrikonoxxi t-tkabbir tal-għarfien tad-drittijiet tal-bniedem fost iċ-ċittadini Ċiniżi; jappella għall-implimentazzjoni tal-moratorium fuq il-piena kapitali kif mitlub mill-Assemblea Ġenerali tan-NU, u juri dispjaċir għall-fatt li ġew evalwati mill-ġdid u awtorizzati eżekuzzjoni riċenti mill-Qorti Suprema taċ-Ċina; jemmen li, inġenerali, il-kawża tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina mhix miexja 'l quddiem u li għad baqa' passi kbar x'isiru biex iċ-Ċina issir soċjetà miftuħa u demokratika u biex jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem;

5. Ihegġegħ liċ-Ċina biex tirrispetta l-impenn tagħha li tirratifika l-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;
6. Jinsab imħasseb dwar il-kanċellazzjoni taċ-Ċina taż-żjara fiċ-Ċina minn Sottokumitat tal-Parlament għad-Drittijiet tal-Bniedem bil-għan li jingħata l-Premju Sakharov 2008 lil Hu Jia mill-Parlament Ewropew;
7. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta' progress miksub matul in-negozjati bejn ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-mibgħuta tad-Dalai Lama, u l-falliment attwali ta' dawk in-negozjati; itenni l-appell tiegħu sabiex titwaqqaf kull forma ta' prosekuzzjoni tan-nies tat-Tibet u sabiex it-Tibetani jkollhom garanzija ta' livell ta' awtonomija li tippermettilhom it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet politiċi, kulturali u reliġjużi, speċjalment billi jitwaqqaf l-insedjament Ċiniż fit-Tibet u billi tiġi eżaminata l-“politika edukattiva patrijottika”;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon it-tiġdid tal-ħbiberija bejn iċ-Ċina u Taiwan filwaqt li jhegġegħ liċ-Ċina biex tkompli fid-djalogu kostruttiv u impenjat tagħha ma' Taiwan u biex tiżgura l-parteċipazzjoni attiva ta' Taiwan fl-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u fl-ASEAN Plus Three; ihegġegħ liċ-Ċina biex tippermetti l-elezzjonijiet b'vot universali f'Hong Kong;
9. Jinsab imħasseb dwar il-baġit militari taċ-Ċina li dejjem qed jiżdied; jappoġġja l-kontinwazzjoni tal-embargo tal-armi fuq iċ-Ċina; jinnota l-impenn attiv ħafna taċ-Ċina għas-sigurtà tal-enerġija u r-riżorsi naturali, eż. fl-Afrika, u f'dan ir-rigward jilqa' b'sodisfazzjon il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “L-UE, l-Afrika, iċ-Ċina: Lejn djalogu u koperazzjoni triliterali”; jemmen li l-UE għandha bżonn politika barranija komuni dwar l-enerġija orjentata lejn il-kisba ta' riżultati u djalogu effettiv maċ-Ċina dwar dan; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi djalogu trilaterali u koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, iċ-Ċina u l-Afrika li timmira li tippromwovi l-paċi u s-sigurtà kif ukoll tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju fl-Afrika;
10. Jemmen li l-UE u ċ-Ċina qed isiru aktar interdependenti u li l-kumplessitajiet u l-importanza tar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina għandhom bżonn aktar koordinament fost l-Istati Membri u mal-Kummissjoni; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-aħħar Samit bejn l-UE u ċ-Ċina u d-djalogu ta' livell għoli li ħareġ minnu f'April 2008 dwar il-mekkaniżmu kummerċjali. ifakkar liċ-Ċina li għandha twettaq l-obbligi tagħha li ġejjin mill-ftehimiet internazzjonali, per eżempju fil-qasam tal-liġi tad-dritt tal-awtur u tal-liġi tax-xogħol; jistenna bil-ħerqa li jkun hemm djalogu effettiv u orjentat lejn il-kisba ta' riżultati maċ-Ċina rigward l-isfidi globali; jiddispjaċih għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ċiniżi li jipposponu l-11-il Samit UE-Ċina; jenfasizza li għandhom jiġu appoġġjati r-relazzjonijiet kummerċjali fit-tul bejn l-UE u ċ-Ċina, u jistenna li s-samit bejn l-UE u ċ-Ċina jitħabbar malajr mill-ġdid minħabba l-importanza tar-relazzjoni; jistieden liċ-Ċina biex ikollha rwol kostruttiv fil-koperazzjoni reġjonali; Japprova s-sħubija strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan il-kuntest, in-negozjati li jinsabu għaddejnin dwar il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni, madankollu huwa tal-opinjoni li l-konklużjoni tan-negozjati ma għandhomx jitqiesu f'iżolament mill-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza fin-negozjati u fil-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	1.12.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christopher Beazley, Angelika Beer, Bastiaan Belder, Monika Beňová, André Brie, Marco Cappato, Véronique De Keyser, Giorgos Dimitrakopoulos, Richard Howitt, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Vytautas Landsbergis, Philippe Morillon, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Ria Oomen-Ruijten, Ioan Mircea Paşcu, Flaviu Călin Rus, István Szent-Iványi, Charles Tannock
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiienė, Tunne Kelam